MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012

Numru 118/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Bernard Charles Spiteri)
**vs.**
**Radwan Hijazi**
**Nicole Brincat**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Radwan Hijazi** ta' tmintax (18) il-sena, iben Radwan sive Rdowan u Moira nee' Cassar, imwieled Pieta, fit-28 ta' Gunju 1993, u residenti 92, 'Orleans', Triq Sir Patrick Stuart, Gzira dententur tal-karta tal-identita' bin-numru 288793(M), u **Nicole Brincat** ta' hmistax (15) il-sena, bint Daniel u Sabina Zahra imwielda Pieta, fil-25 ta' Dicembru 1996, u residenti 10, Triq Gio. Felice Inglott, Pembroke, detentrici tal-karta ta` l-identita bin-numru 3897(M)

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-28 ta' Jannar 2012, ghal-habta ta' 1.20p.m. waqt li kienu gewwa Madliena Village li jinsab fi triq tac-Cink, Swieqi u jew fil-vicinanzi:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe` serq minn gewwa appartament privat li jgib in-numru 506, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jaqbez l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-lok, u dan ghad-dannu ta' Linda Elizabeth Anne Brincat u jew persuni ohra.

2. U aktar talli matul il-gurnata ta' il-21 ta' Jannar 2012 laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indahlu biex ibighhuhom jew imexxuhom.

Nicole Brincat, wahedha giet akkuzata ukoll talli:

3. Matul il-lejl ta' bejn il-20 u l-21 ta' Jannar 2012, minn gewwa appartament li jgib in-numru 506, gewwa Madliena Village li jinsab fi triq tac-Cink, Swieqi, ikkommettiet serq ta' diversi bicciet ta' deheb, li l-valur taghhom jaqbez l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-lok, il-persuna u l-valur u dan ghad-dannu ta' Linda Elizabeth Anne Brincat u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li huma kkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputata Nicole Brincat, l-Ufficjal Prosekutur ddikjara li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghat-tielet imputazzjoni.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.
Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputati (li hija wahda netta), l-ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri, dak li wassal lill-imputati jikkomettu r-reati li huma ghamlu. Fir-rigward tal-imputata Nicole Brincat, il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li hija ghandha hmistax (15) il-sena

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward ta' **Radwan Hijazi**, fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija tieghu ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(c), 261(b), 261(e), 267, 263, 269(g) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imsemmi imputat Radwan Hijazi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin. A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Radwan Hijazi bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Fir-rigward tal-imputata **Nicole Brincat**, fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija taghha ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li t-tieni (2) imputazzjoni hija alternattiva ghat-tielet (3) imputazzjoni, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 37, 41(1)(a), 261(c), 261(b), 261(d), 261(e), 267, 263, 268(b), 269(g), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imsemmija imputata Nicole Brincat hatja tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba kontra taghha izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja

ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputata Nicole Brincat taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputata Nicole Brincat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputata Nicole Brincat.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------